MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta tas-17 ta' Marzu, 2010

Appell Kriminali Numru. 28/2010

**Il-Pulizija**

**v.**

**Carmel sive Charles Ellul Sullivan**
***– omissis –***
***- omissis –***

Il-Qorti,

Dan huwa appell identiku ghal dak intavolat minn Sebastian Dalli (appell numru 20/10) minn digriet moghti mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali fis-27 ta’ Jannar 2010.

L-appellant huwa akkuzat flimkien ma’ ohrajn talli matul l-ahhar sentejn, b’diversi azzjonijiet maghmula fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b’risoluzzjoni wahda:

(a) iffalsifikaw cedola, polza, ordni jew dokumenti ohra illi meta gew prezentati rcevew bihom hlas jew hadu kunsinna ta' oggetti, jew gabru depozitu jew rahan minn ufficjal pubbliku jew minn Bank jew stabbiliment pubbliku iehor imwaqqaf jew maghruf b'xi att pubbliku tal-Gvern;

(b) xjentement ghamlu uzu minn dokumenti ffalsifikati imsemmija fl-akkuza (a) u dan bi ksur tal-Artiklu 169 tal-Kodici Kriminali;

(c) ghamlu falsifikazzjoni f'att awtentiku u pubbliku jew fi skrittura kummercjali jew ta' Bank privat, b'falsifikazzjoni jew b'tibdil fl-iskrittura jew fil-firem billi holqu pattijiet, disposizzjonijiet jew obbligi foloz jew helsien falz minn obbligi jew billi dahhlu dawn il-pattijet, disposizzjonijiet, obbligi jew helsien minn obbligi f'dawn l-attijiet jew skritturi wara li kienu gew iffurmati, inkella billi ziedu jew biddlu klawsoli, dikjarazzjonijiet jew fatti, illi dawk l-atti jew skritturi kellhom ikollhom fihom jew kellhom jippruvaw;

(d) xjentement ghamlu uzu minn dokumenti foloz fil-paragrafu (c) u dan bi ksur ta' l-artikolu 184 tal-Kodici Kriminali;

(e) sabiex jiksbu xi vantaggi jew beneficcju ghalihom infushom jew ghal xi haddiehor, f' xi dokument mahsub ghal xi awtorita` pubblika, xjentement ghamlu dikjarazzjoni jew stqarrija falza;

(f) b'mezzi kontra l-ligi jew billi ghamlu uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqdew b'qerq iehor, ingann, jew billi wrew haga b'ohra sabiex igieghlu titwemmen l-ezistenza ta' entraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex titqanqal tama jew biza' dwar xi grajja kimerika, ghamlu qliegh ta' Lm23,537.07 ghad-dannu tal-Gvern ta' Malta

(g) bhala persuni li ma kinux negozjanti awtorizzati li kellhom il-pussess ta' jew il-kontroll fuq xi deheb jew flus barranin f'Malta, u bhala persuni residenti li kellhom il-pussess ta' jew il-kontroll fuq xi deheb jew flus barranin

barra minn Malta, naqas li joffru dak id-deheb jew dawk il-flus barranin, jew jaraw li jigu offerti, ghall-bejgh lil negozjant awtorizzat, minghajr ma kellhom il-kunsens tal-Ministru sabiex izommuhom u juzawhom, jew jekk ma ddisponux minnhom a favur ta’ xi persuna ohra bil-permess tal-Ministru, bi ksur ta’ l-artiklu 5(1) ta’ l-Att ta’ l-1972 tal-Kontroll tal-Kambju;

(h) bhala persuni residenti ghamlu hlas barra minn Malta lil jew a kreditu ta’ persuna mhux residenti, u ghamle azzjonijiet li jinvolvu, kellhom x’jaqsmu ma’ jew kienu preparatorji ghall-eghmil ta’ xi hlas bhal dak, minghajr permess tal-Ministru; u fuq talba tal-Kontrollur tad-Dwana, talli bi hsieb li jevadu d-dazju dovut; u

Fuq talba tal-Kontrollur tad-Dwana, talli bil-hsieb li jevadu d-dazju dovut u limitazzjonijiet ta’ l-importazzjoni, fil-21 ta’ Lulju 1988 u fil-gimgha precedenti ghal dik id-data:

(1) importaw jew gieghlu li jigu mportati ghalihom, koll (container numru CTIU285705/5) b’ oggetti li ma jaqblux mad-dikjarazzjoni taghhom, jew, direttament jew indirettament, importaw jew gieghlu li jigi ddikjarat koll (container numru CTIU285705/5) bhala li fih oggetti ta’ isem (ilma valur Lm1,413.20 dazju Lm325.03,6) li mbaghad instab, qabel jew wara l-kunsinna, li kien fih oggetti ohra (xorb alkoholiku valur Lm9,306.12) suggetti ghal rata akbar ta’ dazju, u cioe` ta’ Lm23,537.07) kif jidher fin-Nota ta’ Qbid Numru 39/88 divers minn dak li ghandu jithallas fuq l-oggetti ta’ isem li bih il-koll gie ddikjarat u dan bi ksur ta’ l-artikolu 18 ta’ l-Ordinanza tad-dwana Kap. 37 tal-Ligijiet ta’ Malta;

(2) zbarkaw minn bastiment f’Malta oggetti – xorb alkoholiku ta’ valur Lm9,306.12 – dazju Lm23,537.07 qabel ma dan l-ammont ta’ dazju dovut kien gie mhallas jew kawtelat bi ksur ta’ l-artikolu 60(a) ta’ l-Ordinanza tad-Dwana Kap. 37 tal-Ligijiet ta’ Malta;

(3) importaw jew dahlu jew kellhom x’jaqsmu filli jigu importati jew imdahhlin f’Malta l-oggetti ndikati f’paragrafu (1) ta’ l-akkuza li l-importazzjoni taghhom hija limitata

b’kontravvenzjoni ta’ dik il-limitazzjoni sew jekk dawn l-oggetti jkunu gew zbarkati jew le, u dan bi ksur ta’ l-artikolu 62(a) ta’ l-Ordinanza tad-Dwana Kap. 37 tal-Ligijiet ta’ Malta;

(4) zbarkaw, jew ghenu, jew kellhom b’xi mod iehor x’jaqsmu filli jigu zbarkati l-oggetti indikati f’paragrafu (1) ta’ l-akkuza li taghhom l-importazzjoni hija limitata, u importati b’kontravvenzjoni ta’ dik il-limitazzjoni, jew oggetti suggetti ghad-dazju bla ma dan id-dazju kien gie mhallas jew kawtelat bi ksur ta’ l-artikolu 62(b) ta’ l-Ordinanza tad-Dwana Kap. 37 tal-Ligijiet ta’ Malta;

(5) xjentement ghenu jew kellhom x’jaqsmu filli jigu mwarrba jew irtirati kontra l-ligi l-oggetti ndikati f’ paragrafu (1) ta’ l-akkuza minn lok ta’ kustodja fejn dawn l-oggetti kienu gew iddepoziati u dan bi ksur ta’ l-artikolu 62(e) ta’ l-Ordinanza tad-Dwana Kap. 37 tal-Ligijiet ta’ Malta;

(6) xjentement hallew jew ittolleraw, jew gieghlu jew fittxew li jigu milqugha, mizmuma jew mohbija l-oggetti ndikati f’paragrafu (1) ta’ l-akkuza li l-importazzjoni taghhom hija limitata, jew li ma hallsux dazju, jew li gew imwarrba kontra l-ligi minghajr hlas ta’ dazju, minn lok ta’ kustodja fejn ikunu gew iddepozitati, bi ksur ta’ l-artikolu 62(f) tal-Kap. 37 tal-Ligijiet ta’ Malta;

(7) xjentement gew fil-pussess ta’ l-oggetti ndikati f’paragrafu (1) u dan bi ksur ta’ l-artikolu 62(g) ta’ l-Ordinanza tad-Dwana Kap. 37 tal-Ligijiet ta’ Malta;

(8) xjentement kellhom b’xi mod x’jaqsmu fil-garr, twarrib, depozt jew habi ta’ l-oggetti ndikati fil-paragrafu (1) ta’ l-akkuza jew filli b’xi mod iddisponew minn dawn l-oggetti bil-hsieb li jiffrodaw lill-Gvern minn dazju li kien imiss jithallas fuqhom, jew biex jehilsu minn xi limitazzjoni dwar dawn l-oggetti li kienet tghodd ghalihom, u dan bi ksur ta’ l-artikolu 62(h) ta’ l-Ordinanza tad-Dwana Kap. 37 tal-Ligijiet ta’ Malta;

(9) xjentement kellhom b’xi mod x’jaqsmu filli bil-qerq jinharab jew jigi attentat li jinharab xi dazju tad-Dwana, jew xi ligi jew limitazzjoni tad-Dwana, dwar l-importazzjoni, il-hatt, l-izbark u l-kunsinna ta’ l-ggetti ndikati f’paragrafu (1) ta’ l-akkuza jew disposizzjoni ohra ta’ din l-Ordinanza u dan bi ksur ta’ l-artikolu 62(i) ta’ l-Ordinanza tad-Dwana Kap. 37 tal-Ligijiet ta’ Malta;

(10) hajru, ghenu jew assistew l-ghemil tar-reati hawn fuq imsemmija bi ksur ta’ l-artikolu 62(k) ta’ l-Ordinanza tad-Dwana Kap. 37 tal-Ligijiet ta’ Malta;

(11) ghamlu dikjarazzjoni u ssottomettew dokumenti jew informazzjoni li, bid-deher taghhom kienet falza f’dettal sostanzjali, jew b’mod bla kont ghamlu dikjarazzjoni li kienet falza f’dettal sostanzjali, u dan bi ksur ta’ l-artikolu 62(m) ta’ l-Ordinanza tad-Dwana Kap. 37 tal-Ligijiet ta’ Malta;

U aktar billi l-oggetti jidhru fin-Nota ta’ Qbid Numru 39/88 gew deskritti falz fir-rapport jew polza ta’ kargu, dawn ghandhom jigu kkonfiskati bis-sahha tad-disposizzjoni ta’ l-artikolu 6(5) ta’ l-Ordinanza tad-Dwana Kap. 37 tal-Ligijiet ta’ Malta.

U aktar billi waqt l-ezami mill-ufficjali tad-Dwana u tal-Pulizija, il-koll (container numru CTIU285705/5) instab li kien fih xorb alkoholiku differenti minn dawk l-oggetti – ilma – kif jidher fuq il-fattura ta’ l-esportatur jew kif gie ddikjarat mill-importatur jew mill-agent tieghu, dan ix-xorb alkoholiku ghandu jigi kkonfiskat bis-sahha tad-disposizzjoni ta’ l-artikolu 61(1) ta’ l-Ordinanza tad-Dwana Kap. 37 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Fis-seduta tas-27 ta’ Jannar 2010 quddiem l-ewwel Qorti, id-difiza rrilevat illi fl-ebda stadju ma ezentat lill-Qorti u lill-prosekuzzjoni mill-bzonn li jergghu jinstemghu l-provi u x-xhieda quddiem dik il-Qorti kif presjeduta peress illi l-provi kienu nstemghu quddiem dik il-Qorti diversament presjeduta. Fid-digriet taghha l-ewwel Qorti qalet hekk:

**“Il-Qorti mhix tara l-bzonn li jergghu jinstemghu x-xhieda kompilati kemm ta’ barra kif ukoll ta’ Malta u ghalhekk qed tordna lid-difiza biex tkompli bil-provi taghha minnufih.”**

L-aggravju ta’ l-appellant Ellul Sullivan (identiku ghal dak ta’ l-appellant Dalli) huwa fis-sens illi l-ewwel Qorti ghamlet apprezzament hazin tal-ligi. Jghid illi bid-digriet imsemmi jkun ifisser illi l-ewwel Qorti mhux se tkun semghet ix-xhieda jixhdu *viva voce* (b’referenza ghall-artikolu 646(1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta) izda se jkollha tistrieh, *inter alia*, fuq traskrizzjonijiet ta’ diversi disposizzjonijiet. Skond l-appellant, dan tista’ taghmlu biss bid-debita ezenzjoni tad-difiza. Inoltre jekk ma tismax ix-xhieda *viva voce*, dik il-Qorti ma tkunx tista’ taghmel il-valutazzjoni tal-provi skond l-artikoli 637, 638 u 639 ta’ l-imsemmi Kap. 9.

Din il-Qorti semghet is-sottomissjonijiet tad-difensuri tal-partijiet fis-seduta tat-12 ta’ Marzu 2010. Id-difiza, in sostenn ta’ l-appell taghha, esebiet kopji ta- zewg sentenzi: **Il-Pulizija v. Helga D’Alessandro** deciza fit-2 ta’ Settembru 1999 u **Il-Pulizija v. Joseph Bartolo** deciza fid-9 ta’ Settembru 1999. F’dawk il-kazijiet, din il-Qorti diversament presjeduta kienet irrevokat is-sentenzi appellati (fil-kaz ta’ Helga D’Alessandro, f’dik il-parti fejn instabet hatja biss) peress illi l-ewwel Qorti ma kinitx semghet ix-xhieda *viva voce*, u baghtet l-atti lura lill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali sabiex dik il-Qorti, wara li tisma’ l-provi skond il-ligi, tiddeciedi dwar il-htija o meno ta’ l-appellanti.

Issa, id-digriet li minnu gew intavolati iz-zewg appelli huwa digriet interlokutorju. Skond l-artikolu 415(1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta: **“L-appell minn digriet interlokutorju li ma jzommx il-kawza milli titmexxa ’l quddiem, jista’ jsir biss wara s-sentenza definittiva, u flimkien ma’ l-appell minn din is-sentenza.”**

Id-difiza qed targumenta li, fuq l-iskorta ta’ dawk iz-zewg sentenzi, il-kawza ma tistax titmexxa ‘l quddiem jekk ma jergghux jinstemghu l-provi *viva voce* mill-Magistrat li llum

qieghed jippresjedi l-Qorti li quddiemha dawn il-proceduri jinsabu pendenti. Din il-Qorti ma taqbilx. Is-sinifikat ta' dawk iz-zewg sentenzi hu li kollox jirrisolvi ruhu fi kwistjoni tal-htiega o meno li l-Qorti taghmel apprezzament ta' l-imgieba, kondotta u karattru ta' xhud jew xhieda biex tigi determinata **l-kredibilita`** tieghu jew taghhom. Hekk fil-kaz ta' D'Alessandro, l-ewwel Qorti kienet mhux biss ma semghetx xhieda, izda kienet sahansitra ddelegat is-smigh tax-xhieda lil "perit legali". Fil-kaz ta' Bartolo, imbaghad, intqal espressament li kollox kien "jiddependi fuq kwistjoni ta' kredibilita`, u specjalment fuq il-kredibilita` tal-istess imputat". Inoltre f'dawk iz-zewg kawzi kienu ngabru l-provi kollha, inkluz dawk tad-difiza. Fil-kaz in ezami, il-prosekuzzjoni ghalqet il-provi taghha u l-kaz issa ghadda ghall-istadju tad-difiza. Jigifieri l-kawza ghadha sejra, id-dritt tad-difiza li taghmel kontro-ezami tax-xhieda tal-prosekuzzjoni mhuwiex mittiefes, u per konsegwenza mhuwiex stultifikat dak li jipprovdu l-artikoli 637, 638 u 639 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Id-digriet tas-27 ta' Jannar 2010 mhux biss ma jzommx il-kawza milli titmexxa 'l quddiem, anzi permezz tieghu jistghu jitkomplew il-proceduri. Konsegwentement, a tenur ta' l-artikolu 415(1) imsemmi, dak id-digriet huwa inappellabbli f'dan l-istadju tal-proceduri.

Ghal dawn il-motivi:

Tiddikjara l-appell irritu u null u, peress li dan l-appell huwa wiehed fieragh, wara li rat l-artikolu 429(2) tal-Kap. 9, tikkundanna lill-appellant *ammenda* ta' mitejn u tnejn u tletin euro u erbgha u disghin centezmu (€232.94), konvertibbli f'ghoxrin gurnata detenzjoni f'kaz ta' nuqqas ta' pagament skond il-ligi. Tordna li l-process jintbaghat lura minnufih lill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali ghall-kontinwazzjoni.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------